Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0158(CNS)

5.10.2023

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT relatati ma' persuni taxxabbli li jiffaċilitaw il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi u arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni
(COM(2023)0262 – C9-0174/2023 – 2023/0158(CNS))
Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Olivier Chastel

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT relatati ma' persuni taxxabbli li jiffaċilitaw il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi u arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni (COM(2023)0262 – C9-0174/2023 – 2023/0158(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2023)0262),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0174/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Din il-proposta għandha l-għan li tkompli tadatta l-qafas tal-VAT tal-UE billi tespandi l-firxa ta' provvisti koperti mill-IOSS (Punt Uniku ta' Servizz għall-Importazzjoni), l-Arranġamenti Speċjali u r-reġim tal-fornitur meqjus billi tneħħi l-limitu ta' EUR 150, li bħalissa jillimita l-applikazzjoni u l-effettività tagħhom. Għalhekk, l-IOSS jista' jintuża biex tiġi ddikjarata u mibgħuta l-VAT dovuta fuq il-bejgħ mill-bogħod kollu ta' merkanzija importata fl-UE, irrispettivament mill-valur tagħha, iżda mhux inklużi prodotti soġġetti għal dazji tas-sisa, li jibqgħu esklużi mill-iskema.

Din il-proposta hija pożittiva b'aktar minn mod wieħed. Dan se jnaqqas il-kostijiet tal-konformità għan-negozji u joħloq kundizzjonijiet ekwi għall-bejjiegħa li joperaw online. Barra minn hekk, l-IOSS estiż, billi jnaqqas l-għadd ta' reġistrazzjonijiet lokali tal-VAT, se jagħti lill-awtoritajiet aktar żmien u riżorsi biex jiffukaw fuq il-ġlieda kontra l-frodi jew l-għoti ta' assistenza ta' konformità lil negozjanti onesti. Fl-aħħar nett, flimkien mat-tneħħija tal-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju ta' EUR 150, ir-riforma jkollha l-vantaġġ li tiġġieled l-abbuż tal-eżenzjoni mid-dazju billi tipprevjeni lill-frodaturi milli jissottovalutaw il-merkanzija, u b'hekk tevita telf ta' dazji doganali u tnaqqis fid-dħul mill-VAT.

Din il-proposta tibni fuq is-suċċess tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku u l-ambizzjoni tal-proposta dwar il-VAT fl-Era Diġitali (ViDA), peress li tipprevedi l-estensjoni ulterjuri tar-reġim tal-fornitur meqjus biex tkopri l-bejgħ mill-bogħod kollu ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi, irrispettivament mill-valur tagħha.

B'riżultat ta' dan, l-isforz ta' konformità se jkun saħansitra aktar iffukat fuq għadd ferm iżgħar ta' atturi kbar fis-suq, li se jammontaw għall-maġġoranza tal-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata fl-UE.

Din l-inizjattiva tappoġġa l-prinċipju ta' reġistrazzjoni unika tal-VAT fl-UE peress li se tkompli tillimita l-każijiet li fihom persuna taxxabbli se jkollha bżonn tirreġistra għall-VAT. L-estensjoni tas-simplifikazzjoni tal-IOSS biex ikopri l-bejgħ mill-bogħod kollu ta' merkanzija importata, irrispettivament mill-valur tagħha, flimkien mal-estensjoni tal-arranġamenti speċjali biex ikopru ċerti importazzjonijiet ta' merkanzija f'kunsinni ta' aktar minn EUR 150, se tkompli tnaqqas il-ħtieġa li l-persuni taxxabbli jirreġistraw għall-VAT f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Bħala konsegwenza tal-estensjoni ulterjuri tar-reġim tal-fornitur meqjus, il-persuni taxxabbli li jagħmlu bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata fl-UE permezz ta' postijiet tas-suq mhux se jkollhom għalfejn jibqgħu jirreġistraw għall-VAT fir-rigward ta' dawk il-provvisti fejn il-valur intrinsiku tal-kunsinna jkun ogħla minn EUR 150. Minflok, il-post tas-suq, li jaġixxi bħala fornitur meqjus, se jiddikjara u jibgħat il-VAT dovuta fuq dawk il-provvisti permezz tal-iskema estiża tal-IOSS, li issa se tkun obbligatorja għall-postijiet tas-suq skont il-proposta tal-ViDA.

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tipprevedi li l-bidliet ta' hawn fuq, jiġifieri t-tneħħija tal-livell limitu ta' EUR 150 għall-IOSS (l-Artikolu 369l), l-estensjoni tar-regola tal-fornitur meqjus (l-Artikolu 14a) għall-bejgħ mill-bogħod kollu ta' oġġetti importati li huma ffaċilitati minn interfaċċa elettronika u l-estensjoni tal-applikazzjoni tal- "iskema speċjali" (l-Artikolu 369e), jiġu adottati sal-1 ta' Marzu 2028.

Fid-dawl tan-natura tal-proposta u tal-kontenut mhux kontroversjali tagħha, ir-rapporteur tipproponi li l-Parlament japprova l-proposta mingħajr emendi skont proċedura simplifikata (l-Artikolu 52(1)).